MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 352/1998/1

Vincent **BUĦAĠIAR**

vs

**G & P BORG LIMITED**, George Borġ u Paul Johnson

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Frar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-inċident li ġara fit-18 ta' Frar, 1997, fil-*Gallerija Cinema and Shop Centre* fil-Fgura, meta korra u ġarrab ħsara li ma tfiqx, waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ma' persuna oħra (li fl-istess inċident mietet), u l-krejn li kien qiegħed iżomm il-gaġġa li fiha kienu qegħdin jaħdmu għeleb u

waqa' bihom b'kollox; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnu fl-imsemmi inċident, jekk meħtieġ billi tqabbad periti biex jaslu għal-likwidazzjoni; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek George Borġ fit-8 ta' Marzu, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur, għaliex fil-kwalita' personali tiegħu ma kellu x'jaqsam xejn mal-inċident;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-8 ta' Marzu, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kienet taħti bl-ebda mod għall-inċident;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Paul Johnson fl-24 ta' Marzu, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li huwa ma kien jaħti bl-ebda mod għall-inċident;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Mejju, 1999, li l-provi f'din il-kawża, ħlief għal dawk li jgħoddu għall-pretensjoni tad-dannu mġarrab mill-attur, jgħoddu wkoll fl-atti tal-kawża 401/98 li kienet qiegħda tinstama' ma' din;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Ġunju, 1999[1], li bih ħatret lill-Avukat Edward Debono bħala perit legali u lill-kirurgu Frederick Żammit Maempel bħala perit mediku biex ifittxu u jirrelataw dwar l-aspett legali u fattwali tal-każ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Settembru, 2002[2], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-22 ta' Lulju, 2002, ħatret lill-Professur Inġinier Joseph Mifsud bħala perit tekniku biex jgħin lill-perit legali;

---

[1] Paġ. 46 tal-proċess
[2] Paġ. 88 tal-proċess

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fit-12 ta' Mejju, 2004[3], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-19 ta' Ottubru, 2004;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit legali[4] u l-perit tekniku[5] fil-11 ta' Jannar, 2006, u minnhom, rispettivament, maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-8 ta' Frar, 2006;

Rat  in-Noti mressqa mill-imħarrkin fit-8 ta' Mejju, 2006[6], li bihom talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2006[7], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' Lulju, 2006, ħatret lill-Professur Hector Galea bħala espert mediku dentali biex jirrelata dwar il-ħsara mġarrba mill-attur f'ħalqu;

Rat ir-Rapport imressaq mill-espert dentali fit-18 ta' Jannar, 2007[8], u minnu maħlufa dak inhar stess;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-22 ta' Jannar, 2007[9], li biha talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali għall-perit dentali, liema talba rtiratha b'verbal tal-avukat difensur tagħha waqt is-smigħ tat-22 ta' Mejju, 2007;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2007[10], li bih ħatret lill-Professur Carmel Pule', lill-Avukat Robert Manġion u lill-Avukat Joseph M. Buttiġieġ bħala periti addizzjonali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Settembru, 2008[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Marzu, 2009[12];

---

[3] Paġġ. 97 sa 101 tal-proċess
[4] Paġġ. 116 sa 123 tal-proċess
[5] Paġġ. 162 sa 171 tal-proċess
[6] Paġġ. 174 – 5 tal-proċess
[7] Paġ. 181 tal-proċess
[8] Paġġ. 183 sa 199 tal-proċess
[9] Paġ. 202 tal-proċess
[10] F'paġ. 82 tal-atti tal-kawża 401/98JRM
[11] Paġġ. 209 sa 215 tal-proċess (din in-nota kienet ingħatat ukoll lill-periti addizjonali qabel irrelataw)
[12] Paġġ. 226 – 9 tal-proċess (din in-nota kienet ingħatat ukoll lill-periti addizzjonali qabel irrelataw)

Rat ir-Rapport imressaq mill-periti addizzjonali fil-11 ta' Novembru, 2009[13], u minnhom maħluf fit-18 ta' Frar, 2010 u fil-25 ta' Frar, 2010, f'idejn ir-Reġistratur;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza, bil-fakulta' lill-partijiet li jressqu sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrek Paul Johnson fit-30 ta' Ġunju, 2010[14];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Settembru, 2010[15], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek Johnson;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien tqabbad jaħdem biċċa xogħol ta' tikħil ta' ħajt ta' appoġġ ta' bini qrib bini ieħor fejn kien qiegħed isir proġett ta' bini ta' kumpless kummerċjali fil-Fgura. L-attur, flimkien ma' persuna oħra li kienet lavrant jaħdem miegħu, tqiegħed f'gaġġa mdendla ma' *jib* ta' krejn u ttellgħu mal-ħajt li miegħu kellu jsir ix-xogħol. Wara li kien laħaq sar parti mix-xogħol mitlub, u waqt li kien għadu għaddej, il-krejn għeleb u waqa' f'ħofra fil-qrib fl-istess sit. L-attur u l-lavrant waqgħu għal isfel ġol-gaġġa. L-attur korra u l-lavrant miet fuq il-post. L-attur jgħid li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dak li ġara u billi l-ġrieħi li ġarrab baqgħu ma fiqux, irid jitħallas mingħandhom, jew mingħand min minnhom, kumpens għad-dannu li ġarrab;

[13] F'paġġ. 115 sa 148 tal-atti tal-kawża 401/98JRM
[14] Paġġ. 237 sa 252 tal-proċess
[15] Paġġ. 255 sa 261 tal-proċess

Illi, għal din l-azzjoni l-imħarrkin kollha laqgħu bl-eċċezzjoni li ma kellhom l-ebda ħtija għal dak li ġara u għal dak li ġralu l-attur. Iżda l-imħarrek George Borġ żied ukoll l-eċċezzjoni li fil-kwalita' tiegħu personali ma kellu l-ebda rabta mal-każ u ma kellu jwieġeb għal xejn (l-eċċezzjoni li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi);

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attur kien għamel żmien jaħdem bħala *roustabout* fuq pjattaformi taż-żejt barra minn Malta sa mill-1991, fuq bażi ta' kuntratti li jtulu minn żmien għal żmien[16]. Meta ma kienx ikun imqabbad jagħmel xogħol bħal dak, kien jaħdem bħala kaħħal (*plasterer*) għal rasu. Huwa twieled f'Awissu tal-1957[17];

Illi fil-bidu tas-sena 1997, huwa tqabbad mill-imħarrek George Borġ (aktar 'il quddiem imsejjaħ "GB") f'isem il-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "GPB") biex jagħmel xogħol ta' tikħil b'imqieta f'ħajt ta' appoġġ ta' bini li kien imiss ma' sit li GPB (flimkien ma' kumpannija oħra) kienet tqabbdet tibni fil-Fgura. F'dak iż-żmien, il-proġett (fejn kellu jinbena l-kumpless kummerċjali magħruf bħala "*Gallerija Cinema & Shop Centre*" fil-Fgura) kien għadu fi stadju bikri tat-tħaffir tas-sit wara li twaqqa' l-bini ta' qabel u kien għalhekk li l-bini li jmiss mas-sit kien inkixef u kien intalab li jsir ix-xogħol ta' tikħil tal-ħajt tal-appoġġ li kien għadu mikxuf għall-elementi;

Illi fit-18 ta' Frar, 1997, filgħodu, l-attur u lavrant tiegħu, wieħed Paul Bonello, marru fuq is-sit u ntalbu jidħlu f'gaġġa li kienet imdendla ma' tarf ta' drigħ ("*jib*") ta' krejn biex jittellgħu sa mal-ħajt fejn kellu jsir ix-xogħol tat-tikħil. Il-krejn kien tagħmir provdut minn GPB għall-proġett u kien ilu fil-post madwar tlitt ġimgħat merfugħ ("*blocked up*") fuq ġakkijiet pnewmatiċi u bit-tnagen ("*outriggers*") tiegħu maħruġin 'il barra biex iżid l-istabilita' meta jitħaddem. Il-krejn kien imrikkeb fuq il-bankina f'tarf it-triq (Triq Ħaż-Żabbar hekk kif wieħed jitlaq Vjal it-28 ta' April, fuq in-naħa ta' Wied Blandun), jħares lejn Ħaż-Żabbar, bil-

[16] Dokti "VB1" sa "VB10", f'paġġ. 127 sa 136 tal-proċess
[17] Dok "VB11", f'paġ. 151 tal-proċess

parti tal-lemin tiegħu ’l isfel mill-bankina (għax it-trakk kien usa’ minnha) fuq it-triq imma mirfud, minħabba li l-krejn kien se’ jitħalla fuq il-post għal żmien u biex ma jżommx it-traffiku milli jibqa’ jgħaddi minn dik it-triq traffikuża;

Illi l-*jib* tal-krejn kien jitħaddem mill-kabina tat-trakk li kien jagħmel minnu. Id-drigħ tal-*jib* kien magħmul minn tliet taqsimiet li jidħlu waħda fl-oħra u li setgħu jinħarġu ’l barra biex jitwal id-drigħ (“*telescopic extension*”). Fit-tarf tad-drigħ, imbagħad, kien hemm parti oħra magħrufa bħala d-*derrick*, li kienet tinżamm b’*pin* tal-azzar li jitwaħħal bl-idejn qabel ma jibda jinfetaħ il-*jib* biex iżomm id-*derrick* milli jaqa’ minn mad-drigħ;

Illi l-krejn kien armat fuq il-bankina biswit is-sit fejn kellu jsir il-proġett u kien intuża regolarment biex iniżżel xogħol u ħaddiema għal ġol-bokka tas-sit li kienet qiegħda titqatta’. Sa dak inhar stess qabel telgħu fil-gaġġa l-attur u Bonello, kienu tniżżlu xi ħaddiema fl-istess gaġġa biex iqattgħu xi blat max-xifer tas-sit. Lill-attur u lil Bonello tellagħhom GB sal-għoli li kien meħtieġ biex jaħdmu mal-ħajt tal-appoġġ fejn kellu jsir ix-xogħol;

Illi wara li l-attur u l-lavrant ittellgħu mal-ħajt, għamlu x-xogħol tal-kisi li kien jintlaħaq bid-drigħ mill-gaġġa li kienu fiha. Meta temmew dik il-biċċa xogħol sa fejn kienu jilħqu, talbu li jitmexxew għal banda oħra tal-ħajt ħalli jkomplu. Dak il-ħin, GB qabbad lill-imħarrek Johnson (aktar ’il quddiem imsejjaħ “PJ”) biex imexxi l-*jib* għal banda oħra tal-ħajt fejn l-attur u Bonello setgħu jkomplu x-xogħol li tqabbdu jagħmlu. L-attur u l-lavrant lestew dik il-banda wkoll. PJ reġa’ ħaddem il-krejn biex iqarribhom lejn fejn kellhom ikomplu. Hekk kif kienet qiegħda ssir din il-manuvra, il-krejn għeleb fuq ġenb u l-*jib* bil-gaġġa b’kollox inqaleb ’l isfel ġol-bokka tas-sit. Bid-daqqa, t-tarf tal-*jib* faqa’ planka tal-konkos li kienet tagħmilha ta’ saqaf ta’ ambjent ta’ taħt l-art tal-proġett u weħel imqabbad magħha b’mod li żamm lit-trakk tal-krejn fuq ġenbu fil-livell tat-triq u ma nġibidx ’l isfel b’kollox;

Illi l-għada tal-inċident, GB kiteb lid-Dipartiment tax-Xogħol[18] biex jgħarrfu bl-inċident u bil-mewt ta' Paul Bonello. Fil-bidu ta' Marzu, l-attur għamel stqarrija ta' dak li ġara[19];

Illi fit-tisbita, l-attur korra u l-lavrant miet fuq il-post. L-attur ġarrab ksur f'uħud mis-swaba' ta' siequ x-xellugija, tiċrit f'wiċċu u s-suba' l-kbir ta' siequ x-xellugija u slieħ ma' ġenbu, l-baċir u l-koxxa tax-xellug. Dak inhar tal-inċident l-attur kellu qrib l-erbgħin (40) sena u kien miżżewweġ b'żewġt itfal taħt l-eta'. Dam sitt xhur jimxi bil-krozzi u għamel sena ma jaħdimx;

Illi fi Frar 1998, fetaħ din il-kawża. Fl-2001, beda jirreġistra għax-xogħol, imma minħabba li ma setax ikompli, kien *boarded out* fl-2004 u mogħti l-pensjoni[20];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> li l-Qorti għandha quddiemha, jeħtieġ li l-Qorti tibda biex tistħarreġ l-aspett ta**r-responsabbilta' għal dak li wassal għall-inċident** u l-korriment tal-attur;

Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jseħħ meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema

[18] Dok "NC2", f'paġ. 138 tal-proċess
[19] Dok "NC3", f'paġ. 139 tal-proċess
[20] Paġ. 98 tal-proċess

tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[21] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[22];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[23], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[24] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[25];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[26], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi kif sewwa osserva l-ewwel perit legali, r-responsabbilta' tas-sid tal-lant tax-xogħol li jiżgura li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jkunux ta' ħsara għal saħħet ħaddieħor u li dawk il-kundizzjonijiet ikunu tali li jbiegħdu lil persuna minn kull ħsara jgħoddu mhux biss għall-ħaddiema tal-

---

[21] Art. 6(2) tal-Kap 424
[22] Art. 6(3) tal-Kap 424
[23] Art. 7(1) tal-Kap 424
[24] Art. 7(2) tal-Kap 424
[25] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[26] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

istess sid, iżda wkoll għal dawk li jkunu tqabbdu minnu b'kuntratt ta' appalt;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, iċ-ċirkostanzi kollha u l-provi mressqa kollha juru li l-attur bl-ebda mod ma kien jaħti għal dak li ġaralu, ma ntweriex li kien tperreċ 'il barra mill-gaġġa li kien fiha u lanqas ħadd ma allega li kien għamel xi ħaġa li minħabba fiha ġab il-ħsara b'idejh. L-attur ma kienx qiegħed jitlajja' fejn ma messux ikun, imma għall-kuntrarju kien qiegħed jagħmel ix-xogħol li kien tqabbad jagħmel mill-kuntrattur. Lanqas ma ntwera li l-attur għamel xi ħaġa li ma messux għamel li biha ipprovoka l-waqgħa tal-krejn jew tal-gaġġa li kien fiha;

Illi mill-provi mressqa, joħroġ li l-krejn kien intrama minn ħaddiema GPB xi ġimgħat qabel l-inċident, taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett. Kienet l-istess GPB li kienet ħejjiet sodda u lqugħ li fuqu tpoġġa t-trakk bil-krejn qabel dan intrifed. It-trakk u l-krejn kienu proprjeta' ta' GPB. Il-proġett tal-iżvilupp tas-sit kien f'idejn GPB. GB, wieħed mid-diretturi ta' GPB, kien qabbad lill-attur biex jagħmel ix-xogħol tat-tikħil. Kien GB[27] li ħajjar lill-attur jaħdem fil-gaġġa bil-krejn minflok jiddendel mal-ħajt biċ-ċima, kif fil-bidu kien fi ħsiebu jagħmel l-attur. It-trakk li fuqu kien hemm il-krejn kien tqiegħed fil-post minn PJ, li wkoll ħa ħsieb jinvellah fuq pjanċi tal-azzar u serratizzi[28]. Kien GB li għolla u wassal lill-attur u lil Paul Bonello bil-gaġġa mal-ħajt sal-għoli li fih kellu jsir it-tikħil. Kien PJ li ħaddem il-*jib* tal-krejn biex ċaqlaq il-gaġġa li fiha kienu qegħdin jaħdmu l-attur u Bonello. Kien waqt li kienet qiegħda ssir il-manuvra taċ-ċaqlieq mill-ġdid tal-*jib* minn PJ li l-krejn inqaleb fuq ġenbu u ġġarraf bil-gaġġa b'kollox għal ġol-bokka tas-sit;

Illi l-ewwel perit legali wasal għall-fehma li l-ħtija ta' dak li ġara taqa' solidalment fuq GPB u PJ, u bena din il-fehma tiegħu fuq dak li trid il-liġi fl-artikoli 1029, 1032 u 1642 tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll in-normi ġenerali tal-liġi dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-lant tax-xogħol. L-istess perit legali wasal għall-fehma li GB ma kienx jaħti

---

[27] Xhieda tal-attur 12.5.1999, f'paġ. 42 tal-proċess
[28] Paġ. 164 tal-proċess

"stante li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u Paul Johnson u lanqas bejnu u Paul Bonello u Vincent Buħaġiar", u dan minkejja li, ftit aktar qabel fl-istess Relazzjoni, l-istess perit kien wera l-fehma li GB "minkejja li m'huwiex *crane operator*, kellu l-obbligu bħala sid il-kumpannija li tħaddem lil Paul Johnson illi jara illi l-*crane* u l-makni kollha fil-pussess tiegħu huma operanti kif imiss u għandhom is-*safety measures* li titlob il-liġi, ħaġa li din il-makna kienet nieqsa minnha"[29]. L-imsemmi perit legali kellu l-benefiċċju wkoll tal-fehma tal-perit tekniku. Dan kien qabbel il-kostatazzjonijiet magħmulin mill-espert imqabbad mill-Maġistrat fl-Inkjesta Maġisterjali, mill-provi mressqin matul l-imsemmija inkjesta u mix-xhieda mismugħa mill-periti waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Huwa kien tal-fehma li, fil-waqt li ttawwal il-*jib*, it-trakk li fuqu kien mgħobbi l-krejn kien bir-roti tiegħu jmissu mal-art (il-bankina) u li t-tangun u l-ġakkijiet ma kinux qegħdin aktar jagħmlu x-xogħol tagħhom li jżommu l-istabilita' tat-trakk[30]. Huwa kien tal-fehma wkoll li l-bankina u l-mili ta' rinforz li kien sar fuqha qabel ma tqiegħed it-trakk bil-krejn, kienu therrew u straħu u ċedew bix-xogħlijiet li kienu saru fis-sit u bl-istess krejn matul il-jiem (ġimgħat) ta' qabel l-inċident;

Illi l-periti addizzjonali tennew il-fehma tal-ewwel relaturi, ħlief li dehrilhom li GB kellu wkoll jinżamm responsabbli għal dak li ġara. Din il-fehma waslu għaliha għaliex qalu li "t-tlieta kellhom l-obbligu illi jaraw li l-apparat, ossija *crane* li kien qed jiġi wżat biex isir ix-xogħol, kien fi stat tajjeb ta' manutensjoni u riparazzjoni u li kien stallat fil-post u mħaddem b'mod illi b'ebda mod ma jagħti lok li jiġu perikolati l-ħajja u l-inkolumita' fiżika tal-ħaddiema li kienu qed jaħdmu permezz tiegħu, inklużi dawk li kienu fil-gaġġa mdendla mal-*jib* tal-*crane*"[31]. Din il-fehma kienet mibnija fuq kostatazzjonijiet ta' natura teknika, fattwali u legali li huma jfissru b'reqqa sistematika u fit-tul matul ir-Relazzjoni tagħhom[32]. Kellhom ukoll quddiemhom u ma jonqosx li qiesu wkoll is-sottomissjonijiet miktuba mressqa mill-partijiet qabel għaddew biex jestendu r-Relazzjoni.

---

[29] Paġ. 120 tal-proċess
[30] Paġġ. 170 – 1 tal-proċess
[31] § 21 tar-Relazzjoni addizzjonali, f'paġ. 140 tal-atti tal-kawża 401/98JRM
[32] Ara §§ 13 sa 20 tar-Relazzjoni addizzjonali, f'paġġ. 130 – 9 tal-atti tal-kawża 401/98JRM

Kemm hu hekk, jidher li dawn indirizzaw ukoll ċerta kritika li l-imħarrkin kienu għamlu għall-ewwel Relazzjoni peritali[33];

Illi l-periti addizzjonali jgħabbu lil GB u GPB bir-responsabbilta' minħabba li (i) ħallew li jitħaddem il-krejn meta dan ma kellux ċerti tagħmir ta' sigurta' li jwiddeb jew javża b'xi nuqqasijiet ("*safety features*"); (ii) ramaw il-krejn fi spazju ristrett li minħabba f'hekk ma ħalliex li t-tnagen jinfetħu 'l barra biżżejjed biex it-trakk ikun tassew stabbli; (iii) li ramaw il-krejn fuq art (bankina u triq) li ma kinetx livellata tajjeb biżżejjed u li ma ntebhux meta din straħet jew ċediet; (iv) naqsu li jindukraw u jispezzjonaw regolarment l-istess bankina u triq meta dawn bdew juru sinjali ċari ta' ċediment u ġabu l-krejn f'instabilita' tali li prattikament reġa' twieżen fuq ir-roti pnewmatiċi tiegħu; u (v) talli naqsu li jagħmlu l-manutenzjoni regolari tal-istess trakk u krejn, l-aktar meta dehret tnixxija ta' żjut tal-*hydraulic* taħt it-trakk. Huma jaraw ksur tal-grad ta' responsabbilta' mistenni mill-imsemmija imħarrkin kemm taħt il-liġi tas-sigurta' u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol kif kienet fis-seħħ dak iż-żmien tal-inċident[34] u kif ukoll dik fis-seħħ fiż-żmien li ressqu r-Relazzjoni tagħhom[35];

Illi l-periti addizzjonali jgħabbu lil PJ bir-responsabbilta' minħabba li (i) bħala persuna liċenzjata fit-tħaddim tal-krejn u mogħni b'esperjenza ta' żmien twil f'dik il-ħila, kien obbligat li jara li l-krejn jintrama u livellat fuq art tajba biżżejjed biex tiflaħ għall-kedda tat-tħaddim tal-krejn u għall-effetti tax-xogħlijiet (l-iżjed id-damdim minħabba l-qtugħ tal-blat jew tħaffir li kien qiegħed jew sejjer isir ftit biss 'il bogħod minnu) fl-inħawi; (ii) f'kull waqt li kien qed jitħaddem il-krejn, kellu jara li dan ikun sod u jaċċerta li ma jintużax b'mod li jinfetaħ aktar 'il barra milli kien jiflaħ skond l-ispeċifikazzjonijiet infushom tal-istess krejn; u (iii) kien fid-dmir li wkoll meta jħaddem il-krejn ma jiħux l-iċken sogru li jista' jqiegħed ħajjet xi ħadd fil-periklu;

---

[33] Paġġ. 210 – 4 tal-proċess
[34] Att VII tal-1994
[35] Att XXVII tal-2000 (Kap 424)

Illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali tiegħu, PJ jikkontesta b’qawwa r-responsabbilta’ tiegħu f’dak li ġara. Jibni l-argument ewlieni tiegħu fuq il-fatt li jqis li l-periti ġudizzjarji kollha imdaħħlin fil-każ wettqu żball fundamentali li ħasbu li, dak inhar tal-inċident, kien hu biss li ħaddem il-krejn. Huwa jtenni li l-provi juru li kien GB li ħaddem il-krejn biex tella’ lill-attur u lil Paul Bonello sal-għoli meħtieġ biex jiksu l-ħajt u mbagħad telaq mill-kabina u ħalla l-krejn mhux mgħasses. Jisħaq li kienet din il-manuvra li wasslet għall-inċident u li ħadd mill-periti ġudizzjarji ma jidher li ta każha[36]. Il-Qorti tqis li dan l-argument tal-imħarrek, għalkemm m’huwiex fieragħ u jidher imsejjes fuq prova bikrija fil-kawża, ma kienx ir-raġuni waħdanija għaliex il-periti ġudizzjarji sabu l-ko-responsabbilta’ tiegħu f’dak li ġara. In-nuqqasijiet l-oħrajn rilevati ma jistgħux jitwarrbu fuq is-sempliċi raġuni li l-ewwel persuna li tellgħet lill-attur u lil-lavrant tiegħu fil-gaġġa mal-ħajt kienet GB u mhux PJ. Lanqas ma jidher li jista’ jistkenn wara l-fatt li lkrejn kellu jintrama kif intrama minħabba li t-triq ma setgħetx tkun ingumbrata. Minn qari tax-xhieda mogħtija f’din il-kawża (magħduda dik tal-istess PJ), ma ħareġ minn imkien li f’ċirkostanzi oħrajn li l-krejn intuża biex jerfa’ ħaddiema fil-gaġġa, huwa qatt żamm lura minn dan jew qatt ġibed l-attenzjoni ta’ xi ħadd dwar il-qagħda mwiegħra u ristretta li kienu fiha t-tnagen u l-ġakkijiet tal-krejn;

Illi huwa minnu li ma jistax jingħad li PJ, GPB u GB jaħtu għal xi fatt partikolari jew li xi fatt partikolari kien il-kawża speċifika li wasslet għall-inċident. Ir-relazzjonijiet peritali jindikaw sensiela ta’ nuqqasijiet li lkoll, fi grad jew ieħor, iġibu magħhom responsabbilta’ jew ħtija għall-inċident. Huma wkoll ċirkostanzi li ntwera li kienu l-kawża prossima tal-istess inċident. Minħabba f’hekk, f’qagħda bħal din, il-liġi tipprovdi wkoll fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. F’każ bħal dan, ir-responsabbilta’ tintrefa’ minn kull min kellu sehem, ukoll fejn tali sehem ma kienx determinabbli. Żgur ma jistax jingħad, iżda, kif jissottometti PJ li f’dak il-każ il-persuna tinħeles mir-responsabbilta’ għaliex il-biċċa tal-ħsara li setgħet ġiet kawżata minnu ma tkunx magħrufa jew determinabbli. Min-naħa tiegħu, l-attur ressaq

[36] Paġġ. 238 sa 243 tal-proċess

sottomissjonijiet li jirribattu l-argumenti li ressaq PJ dwar is-sehem tal-ħtija tiegħu fl-inċident[37];

Illi wara li l-Qorti qieset dawn il-fatti u s-sottomissjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-imħarrkin kollha jaħtu għall-inċident li fih indarab l-attur u li kollha jridu jwieġbu għal dak li ġara solidalment, u f'dan ir-rigward sejra tilqa' l-ewwel talba u tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin u wkoll dik preliminari tal-imħarrek GB dwar jekk huwiex kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur**. Jibda biex jingħad li mill-provi mressqa l-attur m'huwiex qiegħed jitlob kumpens għal infieq magħmul minnu minħabba l-inċident (*damnum emergens*) iżda biss għal telf ta' qligħ li ġarrab sa minn dak inhar tal-inċident u għall-ġejjieni (*lucrum cessans*). F'dan ir-rigward, u kif sejjer jissemma aktar 'l isfel, fis-sewwa wieħed jista' jqis il-pretensjoni tal-attur kemm bħala f'parti minnha talba għal kumpens ta' telf ta' dħul attwali (*damnum emergens*) u f'parti telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jinsabu fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita' għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli. F'sens legali, tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv"[38];

---

[37] Paġġ. 255 – 8 tal-proċess

[38] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)

Illi l-attur jisħaq li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[39]. F'dan il-prinċipju, l-għaref difensur tal-attur jara li l-persuna mġarrba għandha tingħata mija fil-mija ta' dak li tkun tilfet b'riżultat tal-inċident safejn dan jista' jkun stabilit. B'mod li jekk kemm-il darba sa dak inhar li tkun sejra tingħata s-sentenza l-atti tal-kawża juru li l-parti attriċi tkun tilfet l-impieg tagħha u ma sabitx ieħor, il-kejl tad-dannu effettiv taħt l-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili għandu jqis it-telf kollu mġarrab minħabba t-telf tal-impieg. Sa dak inhar, it-telf ikun telf efettiv u huwa biss dwar il-ġejjieni li l-Qorti tagħmel kalkolu. Iqabbel din is-sottomissjoni mal-fehma ta' awtoritajiet barranin fil-qasam[40];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[41]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti

[39] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[40] Ara §§ 23 – 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġġ. 259 – 261 tal-proċess
[41] Kemp (Ed.) Damages for Personal Injury and Death (3rd. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64

mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[42]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[43]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[44]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[45]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien idaħħal, għallanqas sakemm dam jaħdem;

Illi l-ewwel perit legali qies li l-kumpens mistħoqq mill-attur huwa dak ta' disat elef erba' mija u erbgħa u tmenin lira u tmenin ċenteżmi (Lm 9484.80)[46]. Huwa wasal għal din iċ-ċifra billi qies il-grad ta' debilita' ta' tmienja fil-mija (8%) stabilit mill-perit mediku, flimkien ma' medja ta' dħul ta'

---

[42] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[43] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[44] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[45] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[46] Li jġibu € 22,093.64 fi flus tal-lum

mija u għoxrin lira Maltin (Lm 120) fil-ġimgħa b'multiplikatur ta' dsatax-il (19) sena. Il-periti addizzjonali ma rrelataw bl-ebda mod dwar il-likwidazzjoni tad-danni tal-attur (x'aktarx bi żvista, għaliex ir-relazzjoni tagħhom tirreferi biss għall-kawża li kienet miexja ma' din);

Illi, madankollu, minħabba kumment li għamel l-ewwel perit mediku, l-attur talab lill-Qorti biex taħtar perit mediku dentali biex jistabilixxi l-grad ta' debilita' tal-attur minħabba d-dannu li ġarrab f'ħalqu u li ma kenitx meqjusa mill-ewwel perit mediku ortopediku;

Illi l-perit mediku dentali, wara bosta kostatazzjonijiet dettaljati, wasal għall-fehma li l-attur ġarrab disabilita' permanenti minħabba l-inċident "ta' l-anqas tmienja fil-mija (8%)", li tieħu qies tal-istat ta' snienu qabel l-inċident imma ma tqisx l-aspetti newroloġiċi u estetiċi tat-trawma li ġarrab[47];

Illi fit-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-attur issottometta li d-debilita' li ġarrab l-attur trid tittieħed b'mod kumulativ, jiġifieri billi jintgħaddu l-gradi ta' debilita' meqjusa minn kull wieħed miż-żewġ periti mediċi. Għal din is-sottomissjoni, l-għaref difensur ta' JP irribatta bil-qawwa fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, u argumenta li jrid jittieħed dak li huwa magħruf bħala l-*weighted average*[48];

Illi fil-każ tal-lum, huwa evidenti li ż-żewġ periti mediċi qiesu d-debilita' tal-attur minn żewġ kriterji li ma rifsux fuq xulxin. Kemm hu hekk, il-ħatra tal-espert mediku dentali saret sewwasew għaliex l-ewwel perit mediku kien qal li fil-kostatazzjonijiet tiegħu ma kienx ħa in konsiderazzjoni l-ħsara fil-ħalq tal-attur. Fit-tieni perizja medika, l-perit iddikjara li l-kostatazzjoni tiegħu kienet teskludi l-oqsma koperti bl-ewwel perizja. Huwa magħruf li, f'każi bħal dawn, il-Qrati mhux l-ewwel darba li aċċettaw kumulu matematiku dwar iżjed minn debilita' permanenti waħda fl-istess persuna[49];

---

47 Paġ. 199 tal-proċess
48 Paġġ. 250 – 1 tal-proċess
49 P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** fuq imsemmija

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilita' jistgħu jiġu "*weighted*" f'perċentwali globali[50];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala *whole person impairment* u li taħseb għal ċirkostanzi fejn persuna ġġarrab aktar minn debilita' waħda fil-persuna tagħha. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna[51]. Fil-każ tal-lum, jekk jitħaddem dan is-sistema, jiġi li biż-żewġ gradi ta' debilita' kostatati fl-attur, il-grad nett ta' debilita' jkun ta' ħmistax fil-mija (15%)[52];

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' ħmistax-il (15) sena[53]. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi

---

[50] Ara, per eżempju, P.A. RCP **7.1.2003**fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bottone vs Rita Saliba et***

[51] Ara, per eżempju, P.A. LFS **11.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ronnie Paċe vs George Camilleri*** (mhix appellata)

[52] 8 + 8(1- 0.08) = 15.36

[53] P.A. LFS **24.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***James Spiteri vs Joseph Magro et*** (appellata)

kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[54];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[55]. F'dan il-każ, iżda, l-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għall-għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[56], iżda nħalaq l-aktar miż-żmien li ttieħed sabiex tkun determinata l-kwestjoni marbuta ma' r-responsabbilta' tal-inċident u biex tressqu s-sottomissjonijiet dwar tali kostatazzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' tnejn u tletin elf u seba' mija u erba' euro (€ 32,704)[57];

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet dwarhom imressqa mill-imħarrkin għaliex m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Frar, 1997, fi Triq Ħaż-Żabbar il-Fgura, u li fih l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' tnejn u tletin elf u seba' mija u erba' euro (€ 32,704);

---

[54] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)
[55] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[56] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[57] € 279.52 x 52 x 15 x 0.15 = € 32,703.84

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' tnejn u tletin elf u seba' mija u erba' euro (€ 32,704) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrkin, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imharrkin ihallsu **l-ispejjez** tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------